MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta ta' l-14 ta' Awwissu, 2003

Appell Kriminali Numru. 4/2003

**Il-Pulizija**

**v.**

**Emanuel Bugeja**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Emanuel Bujega talli f'Hal Qormi u cioe` f'dawn il-Gzejjer naqas li jhallas il-manteniment dovut lil martu Mary Rose Bugeja kemm ghaliha u ghal bintha minuri Jennifer Bugeja ghax-xahar ta' Settembru 2002 meta hekk miftiehem ai termini tal-artikolu 3 tal-kuntratta ta' separazzjoni datat 23/05/02 in atti Nutar Dott. Richard Vella Laurenti LL.D.;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-7 ta' Jannar, 2003 li permezz taghha dik il-qorti sabet lil Emanuel Bugeja hati skond l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u kkundannatu xahar detenzjoni;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Emanuel Bugeja, minnu pprezentat fil-15 ta' Jannar, 2003, li permezz tieghu talab ir-revoka tal-imsemmija sentenza jew, alternattivament, ir-riforma taghha kwantu ghall-piena (ara fol. 89 u 90 tal-atti jew pagna 37 u 38 tar-rikors ta' appell);

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi n-noti ta' l-istess appellant tat-2 ta' Mejju, 2003 u tat-12 ta' Mejju, 2003; semghet lid-difensuri tal-partijiet fid-diversi udjenzi; kkunsidrat:

Il-fatti ma humiex kontestati. Kif jirrizulta mid-deposizzjonijiet moghtija quddiem il-Qorti Inferjuri fl-udjenza tal-11 ta' Dicembru, 2002, l-appellant u martu sseparaw permezz ta' kuntratt datat 23 ta' Mejju, 2000 (kopja ezibita a fol. 12 *et seq.*). Skond dan il-kuntratt l-appellant kellu jissomministra lil martu kull xahar is-somma ta' Lm90 bhala manteniment ghaliha u Lm90 lira ohra ghal kull wahda minn uliedu xebbiet – total, ghalhekk, ta' Lm270 fix-xahar. Nel frattemp, pero`, wahda mill-ulied, KB, lahqet l-eta` ta' tmintax-il sena, b'mod li dak li kien dovut ghax-xahar ta' Settembru 2002 kien biss Lm90 lira ghall-mara u Lm90 lira ohra ghat-tifla l-ohra JB – total ta' Lm180. Fid-deposizzjoni tieghu imsemmija – cioe` tal-11 ta' Dicembru, 2002, fol. 23 u 24 – l-appellant jammetti li hu ma hallasx dana l-ammont.

L-ewwel aggravju ta' l-appellant hu fis-sens li galadarba l-kuntratt ta' separazzjoni kien gie ffirmat fit-23 ta' Mejju, 2000 mentri l-ligi li emendat il-paragrafu (z) tal-Artkolu 338 tal-Kodici Kriminali giet fis-sehh biss fl-1 ta' Mejju, 2002[1] (l-appellant jghid, erroneament, fl-1 ta' Gunju, 2002), hu ma setax jinstab hati skond l-imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu. Permezz ta' din l-emenda ikun hemm kontravvenzjoni mhux biss meta dak li jkun jonqos milli jaghti manteniment kif ordnat b'digriet jew sentenza ta' qorti – kif kien il-paragrafu (z) imsemmi qabel l-1 ta' Mejju, 2002 – izda anke minn jonqos li jaghti l-manteniment kif stabbilit permezz ta' kuntratt (ta' separazzjoni). Skond l-

[1] Ara l-Artikolu 73 tal-Att III tal-2002 u l-Avviz Legali 94/2002.

appellant, galadarba l-kuntratt ta' separazzjoni kien gie ffirmat qabel l-1 ta' Mejju, 2002 hu ma jistax jinstab hati skond l-imsemmi paragrafu (z), u jinvoka in sostenn ta' dan l-argument il-principju ta' dritt fondamentali tan-non retroattivita` tal-ligi penali. Dana l-aggravju hu mhux biss infondat izda wkoll wiehed fieragh. Il-kaz odjern ma jipprezenta ebda kwistjoni ta' retroattivita` ta' ligi penali. Il-fatt li allegatament jikkostitwixxi r-reat sehh mhux fit-23 ta' Mejju, 2000 (cioe` mal-iffirmar tal-kuntratt) izda f'Settembru 2002 (jew, aktar precizament, hmistax-il jum wara d-data li fiha kellu jithallas il-manteniment tax-xahar ta' Settembru[2]) u ghalhekk wara li dak l-istess fatt kien gie kriminalizzat. Kif din il-Qorti, diversament presjeduta, diga osservat fis-sentenza taghha tat-30 ta' April, 2003 fil-kawza fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Norbert Borg***:

**"…huwa car mill-kliem tal-Artikolu 338(z) kif emendat li l-ligi ma tiddistingwix bejn meta jkun inghata l-ordni tal-Qorti jew meta jkun gie ppubblikat xi kuntratt bejn il-partijiet u, indipendentement minn meta jkunu saru tali ordni jew kuntratt, il-ksur tal-ligi li jkun sar wara li dahlet in vigore l-emenda huwa dejjem reat. Hawn non si tratta tal-holqien ta' xi reat b'mod retrospettiv biex ikopri xi agir li jkun sar qabel ma dak l-agir ikun sar reat. Li hu antecedenti ghall-introduzzjoni tar-reat kontravvenzjonali hija l-obbligazzjoni civili naxxenti mill-kuntratt. Tali obbligazzjoni ghandha effetti civili li jaghtu lok ghall-esekuzzjoni taghha f'kaz li ma tigix esegwita. Izda l-legislatur ried ukoll li l-ksur ta' tali obbligazzjoni, twieldet meta twieldet, jikkostitwixxi reat kontravvenzjonali jekk tali ksur isir wara li tkun dahlet in vigore l-emenda. Ghalhekk hu ovvju li bhala bazi ghall-ewwel aggravju tieghu, l-appellant qed jikkonfondi z-zmien meta twieldet l-obbligazzjoni civili maz-zmien meta tali obbligazzjoni tkun inkisret u meta allura jitwieled ir-reat kontravvenzjonali."**

---

[2] 338(z): "Huwa hati ta' kontravvenzjoni kontra l-ordni pubbliku, kull min…meta hekk ordnat minn xi qorti jew hekk marbut b'kuntratt jonqos li jaghti lil martu jew tonqos li taghti lil zewgha, is-somma ffissata minn dik il-qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghaliha jew ghalih u, jew, ghall-ulied fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma".

Din il-Qorti ftit li xejn ghandha xi zzid ma' dan il-bran mehud mill-imsemmija sentenza ghajr li, ghall-kull buon fini tiddikjara li in kwantu l-appellant ittanta jissolleva kwistjoni dwar allegat ksur tal-Artikolu 7(1) tal-Konvenzjoni Ewropea jew tal-Artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni, it-tqanqil ta' tali kwistjoni hija semplicement frivola fis-sens tal-Artikolu 4(3) tal-Kap. 319 u tal-Artikolu 46(3) tal-imsemmija Kostituzzjoni. Ghalhekk dana l-ewwel aggravju qed jigi respint.

Aggravju iehor ta' l-appellant hu fis-sens li l-imputazzjoni ssemmi kuntratt tat-23 ta' Mejju, **2002** meta ma jezisti ebda kuntratt b'dik id-data, u ma saret ebda korrezzjoni fl-imputazzjoni. Dana l-aggravju hu, fil-fehma tal-Qorti, infondat. Id-data "2002" hi evidentement *lapsus calami* tal-ufficjal tal-pulizija li rrediga l-imputazzjoni (il-kwerela, li giet ukoll ezibita – ara fol. 18 – taghti d-data korretta tat-23 ta' Mejju, 2000). Huwa veru li fl-udjenza tal-11 ta' Dicembru, 2002 (quddiem l-ewwel qorti) l-appellant, allura imputat, permezz ta' l-avukat tieghu ipprova jgib dikjarazzjoni ta' nullita` tal-akkuza a bazi tal-fatt li ma kien sar ebda kuntratt ta' separazzjoni fit-23 ta' Mejju, 2002; izda fl-istess verbal l-appellant ammetta espressament li kien hemm kuntratt tat-23 ta' Mejju **2000**. Inoltre, il-provi kollha mismugha mill-ewwel qorti jirreferu ghall-kuntratt ta' separazzjoni tat-23 ta' Mejju, 2000, u, kif diga inghad, giet ezibita anke kopja ta' dan il-kuntratt (ara fol. 12 sa 15). L-appellant stess, meta xehed quddiem l-ewwel qorti fil-11 ta' Dicembru, 2002, ikkonferma li l-kopja tal-kuntratt ezibit fl-atti kienet tirreferi ghall-kuntratt ta' separazzjoni ezistenti bejnu u bejn martu (ara fol. 24). Ghalhekk l-appellant, bhala imputat quddiem l-ewwel qorti, kien jaf perfettament tajjeb ghall-ksur ta' liema obbligazzjoni kienet qed tirreferi l-prosekuzzjoni fl-imputazzjoni migjuba kontra tieghu, u ghalhekk anqas kien hemm lok ta' xi korrezzjoni tac-citazzjoni da parti ta' l-ewwel qorti. Dan kollu qed jinghad irrispettivament minn dak li hemm registrat fil-verbal ta' l-udjenza tal-11 ta' Dicembru, 2002 u cioe`: *"Il-Qorti tawtorizza l-korrezzjoni tac-citazzjoni fis-sens li s-sena tal-kuntratt ta' separazzjoni ghandu jinqara 2000. Il-Qorti tirrizerva li tipprovdi fi stadju ulterjuri"*.

L-appellant jilmenta wkoll li fl-*"avviso di comparire"* u cioe` fic-citazzjoni hemm referenza ghall-Artikolu 338(ll) mentri r-reat li tieghu instab hati johrog mill-Artikolu 338(z). Dana l-aggravju huwa wiehed fieragh. Kif din il-Qorti osservat f'diversi sentenzi taghha, ir-referenza ghall-artikolu tal-ligi li jista' jkun hemm fuq il-komparixxi hija intiza bhala semplici ghajnuna ghall-gudikant (jekk ir-referenza tkun korretta, ghax meta ma tkunx korretta sservi aktar ta' xkiel!!), u mhix parti integrali mill-imputazzjoni. L-imputazzjoni tikkonsisti fil-<u>fatti</u> li jigu imputati fil-konfront ta' dak li jkun[3], fatti li jridu jkunu jipotizzaw reat (delitt jew kontravvenzjoni skond il-kaz). Dak li hu importanti hu li fis-sentenza taghha l-ewwel qorti kkwotat l-artikolu korrett tal-ligi li jikkontempla r-reat[4] u cioe` l-Artikolu 338(z).

L-ahhar aggravju ta' l-appellant jirrigwarda l-piena, li huwa jqis li kienet wahda gravuza principalment ghaliex, skond hu, "naqas xahar wiehed biss fil-qasam tal-kamp penali milli jivversa manteniment lil martu u lil bintu" skond il-kuntratt ta' seperazzjoni tat-23/5/2000 (ara f'dan is-sens is-sub-paragrafu (e) tal-paragrafu 92, pagni 36 u 37 tar-rikors ta' appell, fol. 88 u 89 tal-atti). Issa huwa veru li din il-Qorti m'ghandhiex il-fedina penali ta' l-appellant quddiemha u ghalhekk ghandha tassumi li l-istess appellant qatt ma gie kkundannat f'okkazzjonijiet ohra minn xi Qorti ta' Gustizzja Kriminali li naqas milli jaghti l-manteniment lill-martu. Mill-banda l-ohra meta huwa xehed quddiem l-ewwel qorti anqas biss ipprova jiggustifika l-fatt li huma ma kienx hallas il-manteniment ghax-xahar ta' Settembru 2002. Jidher, ghalhekk, li dan in-nuqqas kien wiehed kapriccjuz u ghalhekk il-piena ghandha tkun dik karcerarja.

Ghall-motivi premessi tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti biss fejn ikkundannat lill-appellant xahar detenzjoni u minflok tikkundannah ghaxart (10) ijiem detenzjoni; u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

---

[3] Ara l-Artikoli 360(2), 374(*i*)(i) u 375(c) tal-Kap. 9.
[4] Ara l-Artikolu 382 tal-Kap. 9.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------